*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

6.9.2011

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1327/2010, imressqa minn Maurice Wintz, ta' ċittadinanza Franċiża, f'isem l-Assoċjazzjoni "Alsace Nature" u l-Grupp "GCO non merci", flimkien ma' 3 firem, dwar id-digriet tal-Gvern Franċiż tat-23 ta' Jannar 2008 li ddikjara li x-xogħlijiet tal-awtostrada A355: "Grand Contournement Ouest" ta' Strasburgu huma ta' utilità pubblika u bżonn urġenti**

## 1. Sommarju tal-Petizzjoni

Permezz ta' digriet tat-23 ta' Jannar 2008, ir-Repubblika Franċiża awtorizzat il-bini ta' awtostrada b'żewġ karreġġjati twila 24 km bejn l-intersezzjoni awtostradali A4/A35 u l-intersezzjoni A35/A352: l-A355, magħrufa aħjar bl-isem ta' "Grand Contournement Ouest" (GCO) ta' Strasburgu. Dan il-proġett ta' awtostrada bi ħlas għandu l-għan li jtaffi l-A35 mit-traffiku li jgħaddi minnha. Il-petizzjonanti, li huma konvinti li l-proġett huwa bla użu u li se jolqot ħażin lill-ambjent, lill-agrikoltura u lil speċijiet protetti, b'mod partikolari l-*Cricetus cricetus*, il-*Pelobates fuscus* u l-*Bufo viridis*, isostnu li d-Digriet tat-23 ta' Jannar 2008 jikser b'mod evidenti d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva tal-Ħabitats) kif ukoll tad-Direttivi 85/37/KEE u 2001/47/KE.

## 2. Ammissibiltà

Iddikjarata ammissibbli fid-9 ta' Frar 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-6 ta' Settembru 2011.

<u>Il-petizzjoni</u>

Il-petizzjonanti jqisu li l-proġett m'għadux applikabbli, li jeżistu soluzzjonijiet alternattivi u li se



Magħquda fid-diversità

jkun ta' ħsara għall-ambjent uman u naturali, għall-agrikoltura u għall-ispeċijiet protetti skont id-Direttiva tal-Ħabitats (92/43/KEE[1]), b'mod partikolari l-*Cricetus cricetus*, il-*Pelobates fuscus* u l-*Bufo viridis*.

Barra minn hekk, il-petizzjonanti jqisu li d-digriet tat-23 ta' Jannar 2008 b'mod ċar imur kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (85/37/KEE[2] – id-Direttiva tal-EIA) u tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (2001/42/KE[3] – id-Direttiva tas-SEA).

Il-Kummenti tal-Kummissjoni

Il-*Cricetus cricetus*, il-*Pelobates fuscus* u l-*Bufo viridis* jissemmew fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Għaldaqstant, huma protetti b'mod strett u d-deterjorazzjoni jew il-qerda ta' siti tat-tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ tagħhom huma pprojbiti.

Il-*Cricetus cricetus* huwa speċi li tinsab f'periklu ta' estinzjoni fi Franza. L-uniċi popolazzjonijiet tal-*Cricetus cricetus* jinsabu fir-reġjun ta' Alsace. Il-post ta' tixrid u l-popolazzjonijiet tiegħu naqsu drastikament matul l-aħħar għexieren ta' snin minħabba tibdil fil-prattiki agrikoli u l-frammentazzjoni tal-ħabitat tiegħu. Billi Franza ma ħaditx biżżejjed miżuri biex tiżgura l-preservazzjoni tal-popolazzjonijiet vijabbli tal-*Cricetus cricetus*, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttellagħha l-qorti. Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 2011, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkundannat lil Franza talli ma stabbilixxietx programm ta' miżuri li jippermetti protezzjoni stretta tal-*Cricetus cricetus*.

Il-*Bufo viridis* u l-*Pelobates fuscus* huma żewġ speċijiet li l-popolazzjonijiet kontinentali tagħhom fi Franza qed jonqsu u jinsabu kważi esklużivament f'Alsace. Iż-żewġ speċijiet jbatu mill-frammentazzjoni u d-deterjorazzjoni tal-ħabitat tagħhom.

Il-Kummissjoni kitbet lil Franza biex tingħata informazzjoni dwar il-miżuri li din beħsiebha tistabbilixxi biex jerġgħu jiġu ripristinati l-popolazzjonijiet vijabbli tal-*Cricetus cricetus* f'Alsace wara s-sentenza, u biex issir taf kif beħsiebha tikkunsidra l-preżenza tal-*Bufo viridis* u tal-*Cricetus cricetus* fil-proġett awtostradali kkonċernat.

Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (id-Direttiva tas-SEA), il-Kummissjoni ma tqisx li l-informazzjoni li ntbagħtitilha tippermetti li jiġi stabbilit ksur tad-Direttiva tas-SEA għax il-*bypass* prevista ma tikkostitwixxix *pjan jew programm* skont din id-direttiva.

Il-*bypass* "Ouest de Strasbourg" għall-kuntrarju hija *proġett* li jaqa' taħt id-Direttiva tal-EIA li tkopri l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva dwar il-konsultazzjonijiet transkonfinali.

Il-Kummissjoni, l-istess bħall-Kunsill tal-Istat ta' Franza fid-Deċiżjoni tiegħu Nru 314114 tas-17 ta' Marzu 2010, ma tqisx li l-proġett għandu effett sinifikanti fuq l-ambjent fil-Ġermanja u, għaldaqstant, ma identifikat l-ebda ksur tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-EIA.

Fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-EIA dwar il-possibilità għall-awtoritajiet ambjentali li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar l-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppatur u

[1] Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7)

[2] Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40-48)

[3] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30-37).

dwar it-talba għal kunsens, il-Kummissjoni kitbet lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex titlobhom jagħtuha d-dettalji dwar din il-kwistjoni.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza dawn il-kwistjonijiet differenti u se żżomm lill-Parlament infurmat dwar l-iżviluppi.